MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Numru. 962/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**

**KONTRA**

**PETER CARUANA ta' 30 sena, iben Charles u Josephine nee' Zarb, imwieled nhar il-11.06.1980, residenti fil-fond La Ville Lumiere, Triq San Pawl, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 444780M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **PETER CARUANA** li gie akkuzat talli nhar il-11.07.2010, ghall-habta ta' 00.15hrs, gewwa Triq San Pawl, Naxxar, u fil-vicinanzi:

1. Kien komplici fir-reat ta' hruq ta' xi xogholijiet ta' nar minghajr il-licenzja tal-awtorita' kompetenti, xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom kienu ppreparati jew kunsmat dan id-delitt.

2. U aktar talli kien komplici fir-reat ta' hruq ta' bombi tal-ajru f'hinijiet u granet minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom kienu ppreparati jew kunsmat dan id-delitt.

3. U aktar talli kien komplici f'reat ta' hruq minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, ta nar jew spara maskli, bombi, suffarelli, jew xogholijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, inkella tella' blalen tan-nar jew in generali ghamel espluzjoni jew nar li seta' kien ta' periklu ghall-pubbliku, u xjentement ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom kienu ppreparati jew kunsmat dan id-delitt.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-istess fl-istadju ta' l-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb dwar l-istess.

Rat l-Artikoli 34, u 29 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat l-Artikoli 14 u 18 tal-LS 33.03.

Semghet it-trattazzjonjiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, wara li anki rat il-fedina penali ta' l-imputat, qieghda tikkundannah ghal sitt (6) xhur habs sospizi ghal sena (1), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------